**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 63**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 10 ta' Awwissu 2023 permezz ta' video conferencing.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Daniel Ablett – Kunsillier
Ralph Puli - Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Martina Grech - Kunsillier
Abigail Sammut – Kunsillier (online)
Doris Zammit – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

George Muscat - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppresieda l-laqgħa.

**Assenti b'Apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li minħabba raġunijiet ta' saħħa l-Kunsillier George Muscat talab li jkun skużat.

63.1 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fetaħ il-laqgħa billi stieden lill-Kumpanija Bulletproof tagħti presentation dwar proposta għall-proġett fil-Qormi Sports Complex.

63.2 **Korrezzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsillier Ralph Puli talab korrezzjoni tal-minuti, liema korrezzjoni ġiet approvata.

63.3 **Approvazzjoni tal-Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Nru 62, liema Minuti kienu ċċirkolati u meħuda bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati.

63.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

63.3.1 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li nbeda l-proġett ta' tibdil ta' fanali ornamentali fi Triq il-Kbira u Pjazza San Franġisk.

63.3.2 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma nfurma li tlestew il-fanali ta' Ġnien de la Cruz u sal-aħħar tas-sena se jsir ix-xogħol ta' rubber flooring u l-playing equipment u b'hekk il-lokalita' jkollha bandli ieħor magħluq.

63.3.3 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Kunsill għadu qed jistenna li jasal il-playing equipment minn barra sabiex jinbeda x-xogħol fuq Ġnien Tumas Fenech. Is-Sindku nfurma li l-kuntrattur assigura li malli jasal il-materjal, ix-xogħol jibda minnufih.

63.3.4 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma l-Kunsill qed jistenna l-Clearance tal-MCCAA sabiex ikun possibbli li jinbeda x-xogħol minnufih.

63.3.5 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li saret applikazzjoni ma' Transport Malta sabiex jiġi nstallat rain water culvert fi Triq il-Kbira li jgħaqqad ma Triq il-Kolleġjata.

63.3.6 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li malli l-kuntrattur ikollu l-permessi meħtieġa se jinbeda x-xogħol ta' bankina ġdida fi Triq il-Kbira (minn Triq l-20 ta' Jannar sa Triq l-4 Qaddisin).

**63.3.7** **Is-Sindku** ġibed l-attenzjoni dwar il-korrispondenza nterna li kienet għaddejja bejn il-membri, dwar it-tindif tar-rain water culverts. Is-Sindku qal li jħossu urtat kif kunsilliera kkummentaw li mhux veru li sar it-tindif tal-culverts. Is-Sindku qal li jiddispjaċih jinnota li ċertu kunsilliera huma maqtugħin mir-realta'.

**63.4 Skeda ta' Ħlasijiet**

Is-Segretarju Ezekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Lulju 2023.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ġibed l-attenzjoni dwar il-ħlas relatat mar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl u fakkar li l-kuntrattur kien kisser l-isem ta' Triq il-Wied u għaldaqstant l-ammont għandu jitnaqqas mill-pagament.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ppropona l-approvazzjoni tal-iskeda ta' ħlasijiet.

Il-Kunsillier Daniel Ablett ssekonda.

L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**63.5 Rapporti mill-Customer Care Co-Ordinators**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta rapport dwar il-ħidma li saret mill-Customer Care co-ordinators imqabbda mill-Kunsill.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ġibed l-attenzjoni li dan ir-rapport aktar qisu job description milli rapport ta' ħidma.

Wara diskussjoni bejn il-membri ġie maqbul li dawn il-customer care co-ordinators jingħataw kuntratt ta' sitt xhur bil-kundizzjoni li jiġi ppreżentat rapport kull xahar tal-ħidma li tkun twettqet minnhom.

**63.6 Mozzjoni b'Urġenza mressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Nipproponi li l-Kunsill jidħol f'kollaborazzjoni mal-għaqdiet tal-lokalita' sabiex jiġu organizzati l-Venti Music Festival u The Qormi Cheese & Wine Festival.

Nipproponi li l-Kunsill jalloka s-somma ta' € 8,500 lil kull għaqda sabiex jiġu organizzati dawn il-festivals.

**Is-Segretarju Ezekuttiv** ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill ma jistax joħroġ dawn il-flejjes kollha u għaldaqstant il-Kunsill għandu jirrevedi l-ammonti.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** flimkien mal-Viċi Sindku Donnha Barbara nfurmaw li ġaladarba hemm direzzjoni mis-Segretarju Ezekuttiv, ma jaqblux li l-Kunsill joħroġ dawn il-flejjes.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** qal li minkejja kollox ħadd mhu juri rispett lejn il-Kunsill Lokali.

Wara diskussjoni bejn il-membri ġie maqbul li jittieħed vot.

Ivvutaw seba' (7) kunsilliera favur, ma kien hemm l-ebda vot kontra u kien hemm żewġ (2) membri li astensjew. Il-mozzjoni ġiet approvata.

**63.7 Il-Kwistjoni tal-iSkart f'Ħal Qormi**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill se jkun qed jagħlaq it-tieni kwart tas-sena b'deficit, iżda r-rapport uffiċjali se jkun qed jiġi ffinalizzati fil-ġranet li ġejjin. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-akbar spiża hija relatata mal-ġbir tal-iskart, fejn il-Kunsill qed iħallas eluf kbar ta' euro f'tipping fees u fi ġbir Extra li ma kienux inklużi fil-kuntratt.

Il-Kunsillier Ralph Puli talab li jsir eżerċizzju minn Jannar sa April u jingħata refund għal dawk l-ispejjeż li tħallsu mill-Kunsill, liema spejjeż ma kienux tiegħu.

**63.3 Ħwejjeġ Oħra**

**63.3.1** Il-Kunsillier Doris Zammit infurmat li fl-okkażjoni tal-170 Sena mit-twelid ta' Ġuze Muscat Azzopardi, se tinżamm serata Mużiko-letterarja taħt il-Patroċinju tal-ET l-President ta' Malta. Din is-serata se tinżamm it-Tlieta 12 ta' Settembru.

*Il-Kunsilliera Ralph Puli u Carmel Cuschieri talbu li jkunu skużati.*

**63.3.2** Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-membri sabiex jiġi nnominat Ambaxxatur taż-żgħażagħ sabiex jirrappreżenta lil Ħal Qormi f'Seduta tal-Parlament. Ġew innominati żewġ żgħażagħ u ġie deċiż li jsir kuntatt mas-Sur Eman Farrugia.

**63.3.3** Il-Kunsillier Doris Zammit infurmat li nhar is-27 ta' Settembru se tinżamm laqgħa għar-residenti dwar id-dementia.

**63.3.4** Il-Kunsillier Doris Zammit infurmat li d-Dielja tlestiet u se tkun qed titqassam fid-djar tal-lokalita' f'nofs Awwissu.

**63.3.5** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li kellu talba sabiex il-Kunsill jisponsorja neuturing ta' qtates li għandna fit-toroq. Il-Kunsill approva s-somma ta' € 500.

**63.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn 11 ta' Settembru 2023 fis-6.00p.m.

Konfermati, illum, **it-Tnejn 11 ta' Settembru 2023**.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |